# id-Devozzjoni lejn l-Assunta u l-KNISJA TAGĦNA



minn
Edward
Camilleri

Tul l-istorja millenarja ta' pajjiżna nsibu li sa minn meta l-Appostlu tal-ġnus, Pawlu minn Tarsu wasal fuq ix-xtut tagħna u ħabbar lil Missirijietna l-Aħbar it-Tajba, minn dejjem eżistiet devozzjoni ħajja lejn Sidtna Marija li maż-żmien din kompliet tikber u tissaħħaħ , anke permezz tad-diversi festi u ċelebrazzjonijiet li kienu u għadhom fil-fatt isiru sal-ġurnata tal-lum f'ġieħha taħt diversi titli.

U żgur li fost l-aktar titli antiki li ilha tiġi meqjuma permezz tagħhom il-Madonna hemm dak tat-Tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Ta' min jgħid li fil-Knisja Kattolika Universali din il-festa ilha tiġi ċċelebrata sa mill-bidu tal-ħames seklu meta diġa' f'Ġerusalemm kienet titfakkar il-festa li qabel kienet magħrufa bħala "Tad-Dormizzjoni" iġifieri tar-raqda tal-Madonna. Maż-żmien din il-festa mbagħad ħadet it-tifsira tejoloġika propja tagħha u ġiet għal dik kif nafuha llum tat-Tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Imma ħalli nerġgħu lura għal gżiritna u fil-fatt nsibu li din id-devozzjoni kienet nxterdet l-aktar fis-sekli 13 u 14. Ta' min jgħid li minn rapporti tat-tmiem is-seklu 18 u li jitkellmu fuq diversi viżti Pastorali li kienu jagħmlu l-Isqfijiet juru li kien hemm diġa' tnejn u disgħin (92) knisja jew kappella ddedikati lil-Madonna taħt dan it-titlu li fosthom diversi kienu ġew mibnija mill-ġdid.

Żgur pero' li waħda mill-antiki hija dik tagħna magħrufa appuntu bħala "Il-Knisja l-Qadima" li kienet diġa' parrocca fl-1402. Tant kienet qawwija d-devozzjoni lejn il-Madonna mtellgħa s-sema li fis-seklu sittax (16) nsibu li Mons. Pietru Dusina, li kien ġie mibgħut mill-Papa biex fost affarijiet oħra jagħmel żjara lil-Knejjes kollha tad-Djoċesi, sab li biex nhar Santa Marija titqaddes quddiesa fil-knejjes u fl-artali kollha ddedikati lil Santa Marija f'parroċċi oħra, ma' kienx hemm biżżejjed Saċerdoti, għalhekk kien talab il-permess tal-Papa biex f'uħud mill-knejjes il-festa ta' l-Assunta tkun iċċ elebrata jew lejliet il-festa propja jew l-għada tal-15 ta' Awissu. Dan juri biċ -ċar x'devozzjoni qawwija kien hawn lejn l-Assunta għalhekk mhux ta' min jeħodha bi kbira li l-Knisja l-Qadima ġiet iddedikata lil-Santa Marija. Ta' min ifakkar li meta nbniet il-Knisja tagħna l-ewwel darba fis-seklu erbatax (14) tant li fl-1402 kienet diġa' Parroċċa, kien hawn *boom* biex ngħidu hekk ta' dik li kienet id-devozzjoni lejn Marija mtellgħa s-sema madwar il-gżira kollha. Maż-żmien id-devozzjoni lejn l-Assunta kibret anke peress li diversi minn dawn il-knejjes fosthom dik ta' Ħ'Attard, li hi mibnija ferm tixxibaħ lill-knisja tagħna, kienu saru parroċċi.



Fost id-devozzjonijiet f'ġieh l-Assunta hemm dik magħrufa tal-"kwindiċina" li fost dokumenti antiki nsibu li kienet ssir fil-knejjes fost oħrajn ta' l-Assunta f'Bubaqra fiż-Żurrieq u fil-Knisja msejjħa "ta' Doni" fir-Rabat fl-1694. Jekk inħarsu lejn il-Knisja tagħna nsibu li sa minn dejjem kienet iddedikata lil Santa Marija, sew dik li kienet nbniet l-ewwel u li tissemma fid-dokumenti ta' l-1402 kif ukoll it-tieni waħda li nbniet fl-istess post bejn l-1615 u l-1655 u li hi dik eżistenti llum. Din il-knisja ta' min ifakkar li fiha permezz tal-ħidma tal-benefattur kbir tagħha, Dun Filippu Borġ kienet twaqqfet il-kolleġjata fl-1630 u baqgħet isservi bħala l-Knisja Parrokjali sa' xi l-1730 meta mbagħad ġiet mibnija l-Knisja ta' Santa Elena.

Huwa nteressanti li meta Mons. Dusina, li diġa' aċċennajt għalih qabel, kien żar lil Birkirkara minbarra l-Knisja tagħna li kellha bħala titulara l-Assunta, kien sab ukoll Knisja oħra li kienet qrib il-Knisja 'Tal-Herba'. Hi ġieli tiġi msejjħa bħala l-Assunta ta' *Ħal Sajet*. Din kienet ġiet magħluqa fl-1659. Knisja oħra li kienet teżisti fl-inħawi msejjħa bħala *Ta' Bettu* wkoll kienet iddedikata lil Santa Marija.

Minn dan kollu x'konklużjoni nistgħu nieħdu? Naħseb li nkunu korretti jekk ngħidu li għalkemm id-devozzjoni lejn Santa Elena kienet minn dejjem eżistenti f'Birkirkara pero' żgur li d-devozzjoni lejn Santa Marija kienet waħda ferm qawwija, li fl-aħar mill-aħħar tixhed l-imħabba li l-poplu karkariż minn dejjem kellu lejn din l-Omm tagħna tas-sema. Anke f'Birkirkara l-poplu b'mod mill-aktar inteliġenti, għaraf jintelaq f'idejn dik l-omm li lesta dejjem tagħti l-għajnuna u l-protezzjoni lil ulied għeziez tagħha.

U b'dan kollu m'għandhiex aktar niddubitaw 'l għaliex il-poplu Karkariż ddedika lil din il-Knisja lil Marija mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem. It-tweġiba hija waħda faċli , għaliex mhi xejn għajr l-imħabba ta' ulied lejn l-Omm tagħhom tas-sema.

J'Alla aħna li qed ngħixu f'dawn iż-żminijiet moderni nagħrfu, bħal missirijietna nintelqu taħt il-protezzjoni ta' Sidtna Marija, u mis-sema tkompli tberikna għal dejjem.

*Referenzi.*

*Marian Devotions In The Islands Of Saint Paul- Editor Mons.Profs. Vincent Borg.- The Historical Society –Malta.*

il-Veduta

RESTAURANT
PIZZERIA
CAFETERIA
& TAKE AWAY

SAQQAJJA SQUARE, RABAT
MALTA
Tel: 453656, 454666
Fax: 454660
e-mail: veduta@globalnet.mt